



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-12 ta' Settembru 2018

L-Awdituri jipubblikaw Dokument ta' Sfond dwar I-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri illum ippubblikat Dokument ta' Sfond dwar I-infurzar tar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni. Id-Dokumenti ta' Sfond jipprovdu informazzjoni dwar kompiti tal-awditjar li jkunu għaddejjin u huma intenzjonati bħala sors ta' informazzjoni għal dawk interessati fil-politika u/jew fil-programmi li jkunu qed jiġu awditjati.

Id-Dokument tal-lum huwa bbażat fuq xogħol preparatorju għal awditu li qed isir bħalissa dwar jekk il-Kummissjoni Ewropea infurzatx ir-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni b'mod effettiv. Il-politika tal-kompetizzjoni tkopri mgħiba antikompetittiva, mergers u għajjnuna mill-istat.

Id-Dokument ta' Sfond jinkludi taqsimiet dwar l-importanza tal-kompetizzjoni fis-suq uniku tal-UE, kif ukoll dwar il-kwistjonijiet relatati, inklużi l-mgħiba antikompetittiva u r-ristrutturar tas-suq. Huwa jistipula l-objettivi tal-UE għall-politika tal-kompetizzjoni, l-ambjent regolatorju u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tad-diversi awtoritajiet fil-livell tal-UE u f'dak tal-Istati Membri.

"Aħna nittamaw li f'dan id-Dokument ta' Sfond il-qarrejja jsibu informazzjoni utli dwar l-ambitu tal-awditu tagħna," qal Alex Brenninkmeijer, il-Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. "Il-politika tal-kompetizzjoni għandha rwol fundamentali fis-suq uniku tal-UE u huwa importanti li dan ikun mifhum b'mod ġenerali."

L-awdituri se jintervistaw uffiċjali fil-Kummissjoni Ewropea u fl-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-kompetizzjoni. Barra minn hekk, huma se janalizzaw dokumenti relatati mal-attivitajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni u l-kooperazzjoni tagħha mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri. Ir-rapport tal-awditjar huwa mistenni li jiġi ppubblikat lejn nofs l-2019.

Nota lill-Edituri

Ir-regoli tal-kompetizzjoni għandhom rwol sinifikanti fl-ekonomija tal-UE: huma jiżguraw li l-kumpaniji jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet ta' negozju tagħhom f'kundizzjonijiet ekwi u li jipprovdu varjetà akbar ta' prodotti u servizzi lill-konsumaturi bi prezzijiet u kundizzjonijiet kompetittivi. Il-prinċipju ta' kompetizzjoni ġusta fuq termini ugwali huwa kruċjali għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku tal-UE. Il-politika tal-kompetizzjoni tkopri l-forom kollha ta' mgħiba antikompetittiva mill-kumpaniji, ir-riskji għall-kompetizzjoni dovuti għall-mergers bejn

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

eca.europa.eu

kumpaniji, u l-attivitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri li jistgħu joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni, bħall-ġhoti ta' għajjnuna mill-istat.

Il-Kummissjoni Ewropea hija l-awtorità prinċipali li tinforza r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni. Hija għandha s-setgħa u r-responsabbiltà li tinvestiga mġiba antikompetittiva suspettata, toħroġ deċiżjonijiet ta' projbizzjoni, timponi multi u tikkonkludi ftehimiet vinkolanti mal-kumpaniji. F'sistema parallela ta' infurzar, il-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri japplikaw ir-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni b'mod uniformi. Il-Kummissjoni għandha wkoll rwol importanti fit-tfassil tar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni, flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tad-Dokument ta' Sfond maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Id-dokument sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.